8 ta' Frar, 1951.

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Emmanuele Agius *versus* Carmelo Axiak

**Danni — Kolliżjoni — Rinunzja.**

*Rinunzja għal dritt, biex tkun tista' tiġi ritenuta tali, trid tirriżulta minn espressjonijiet ċari u univoċi, u mhux biżżejjed li jkun hemm espressjonijiet ġeneriċi.*

*Kull rinunzja li ma tkunx ġenerali u speċifika tirċievi interpretazzjoni stretta: b'mod li fid-dubju titqies bħala rinunzjata l-anqas ħaġa possibili.*

*U huwa rimess għat-tribunal li jiddeċiedi n-natura ta' l-att u l-effikaċja tiegħu biex jopera r-rinunzja, wara li jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ.*

*Fil-każ preżenti l-attur kien sofra xi danni minħabba kolliżjoni li saret bi ħtija tal-konvenut, u kien esprima ruħu fis-sens li ma riedx li l-ġustizzja tieħu passi kontra l-konvenut. Meta huwa fittex għad-danni, il-konvenut ippretenda li l-attur kien irrinunzja anki għal dawk id-danni. Il-Qorti riteniet illi l-kliem użat mill-attur kien jimporta rinunzja għall-azzjoni kriminali biss, u mhux ukoll għall-azzjoni ċivili tad-danni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £34. 18. 0, jew somma oħra verjuri, a saldu ta' danni kif speċifikati fl-anness prospett dok. A, lilu kaġunati in segwitu għal-kolliżjoni li ġrat minħabba ħtija u traskuraġini ta' l-istess konvenut, bejn il-car ta' dana l-aħħar nru. 259 u l-mutur nru. 12173 li fuqu kien riekeb l-attur. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-17 ta' Novembru 1950, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut:

Illi jirriżulta li fil-11 ta' Settembru 1950, ġrat kolliżjoni bejn l-mutur ta' l-attur u l-car tal-konvenut, u li b'konsegwenza tagħha l-attur sofra xi ħsara, mhux biss fuq il-persuna tiegħu, imma wkoll fuq il-mutur li kien qiegħed isuq. L-għada ta' l-inċident il-konvenut mar l-isptar biex jara lill-at-

tur, u hemmhekk dan iffirma l-iskrittura eżibita fil-fol. 8 tal-proċess (dok. X), li kien ħadlu l-konvenut, li biha huwa ddikjara li ma jrid xejn minn għand il-konvenut, u talab li l-ġustizzja biex ma teħux passi. B'din id-dikjarazzjoni l-konvenut jara rinunzja min-naħa ta' l-attur għal kwalunkwe azzjoni kontra tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx dubju li dik id-dikjarazzjoni timporta rinunzja, u l-unika ħaġa li jrid jiġi eżaminat hija dik jekk bl-istess dikjarazzjoni l-attur irrinunzjax biss għall-azzjoni kriminali, kif ifisser hu, jew ukoll għal kwalunkwe azzjoni, kompriża dik ċivili għad-danni, kif jippretendi l-konvenut;

Illi rinunzja għal dritt, biex tkun tista' tiġi ritenuta tali, trid tirriżulta minn espressjonijiet ċari u univoċi, u mhux biss minn espressjonijiet ġeneriċi (Vol. XXVIII — III — 1134). Mid-dokument fil-fol. 8 jidher ċar li l-attur talab illi l-ġustizzja ma tieħux passi, u għalhekk huwa kien qiegħed jirrinunzja biss għall-azzjoni kriminali, promovibili mill-Pulizija, u li ma tiddependix minnu għal kollox. Dik hija, almenu, l-espressjoni ċara li tidher f'dik id-dikjarazzjoni. Dan jidher ukoll mill-kliem li uża l-konvenut meta wera dik l-iskrittura lill-attur, meta qallu:— "Din bgħatni biha s-Surġent biex ma tibqax miexja 'l quddiem il-biċċa". Il-fatt stess li l-espressjoni fiha trid tiġi interpretata juri li dik id-dikjarazzjoni hija dubbjuża, fis-sens li jrid jiġi interpretat jekk b'dik l-espressjoni "u nitlob lill-ġustizzja biex ma tieħux passi" l-attur riedx jirrinunzja wkoll għall-azzjoni ċivili. U kull rinunzja li ma tkunx ġenerali u speċifika tirċievi biss stretta interpretazzjoni, b'mod li fid-dubju titqies bħala rinunzjata l-anqas ħaġa possibili (Vol. sentenzi tas-snin 1839-40, paġ. 278);

Dan jirriżulta wkoll mill-kliem li għadda bejn il-kontendenti meta l-konvenut mar jara lill-attur l-isptar u qabel ma dan iffirma dik id-dikjarazzjoni. Huwa ċar li l-attur ma riedx jirrinunzja għad-danni li sofra fuq il-persuna tiegħu; tant li meta l-konvenut qallu li kellu ħsara biss fil-fanal, l-attur wieġbu li "intant huwa kien l-isptar muġugħ" (depos. konvenut fol. 26 tergo; Alb. Cachia fol. 28 tergo u 29; attur fol. 29 tergo). Diema kliem jimpurtaw li l-attur, indipendentement minn kull danni fil-mutur, ried u kien jaf li kellu wkoll dawk

id-danni personali. Mill-istess depożizzjonijiet fuq imsemmija jidher ukoll li l-attur lanqas irrinunzja għad-danni materjali li effettivament sofra fuq il-mutur tiegħu. Infatti, kien il-konvenut li beda jinsisti ma' l-attur li dan ma kellux ħlief ħsara żgħira fil-mutur. L-attur għall-ewwel ma wieġbu xejn, u mbagħad wara, meta l-*konvenut baqa' jinsisti miegħu*, huwa qallu:— "Jiena hawn qiegħed; jiena ma rridx flus" — liema espressjoni tfisser li l-attur, muġugħ kif kien fl-isptar, ma kienx dak il-mument qiegħed ifittex u jitlob flus, imma ried u xtaq li jkun b'saħħtu kif kien il-konvenut. Del resto, l-attur lanqas ma seta' jirrinunzja, jew almenu jaċċetta b'soddisfazzjon totali kemm kien qiegħed *joffrilu* l-*konvenut*. L-attur ma kienx jaf xi ħsara kellu fil-mutur, għaliex immedjatament wara l-inċident huwa ġie meħud l-isptar korrut; kien il-konvenut li beda jinsisti u jgħid lill-attur li dan kellu biss xi £2 ħsara fil-mutur, li wara saret £1, u li lanqas dina l-lira (£1) ma ġiet imħallsa mill-konvenut;

Illi l-konvenut qiegħed jeċċepixxi r-*rinunzja espressa* derivanti mid-dikjarazzjoni fuq imsemmija, u mhux ukoll ir-rinunzja taċita talvolta magħmula mill-attur, qabel ma dana ffirma l-istess dikjarazzjoni. Imma, ukoll kieku kellha tiġi invokata r-rinunzja taċita, il-konklużjoni kienet tkun l-istess. "Le rinunzie tacite si devono così strettamente interpretare *che dai fatti onde si vogliono desumere non si possa trarre* altra congettura che l'evidente proposito di rinunziare" (Coen. voce "Rinunzia", para. 3, 5, 9). Ir-rinunzja għal dritt ma tiġix preżunta; u biex jista' jingħad li hemm rinunzja taċita, huwa meħtieġ li l-istess tirriżulta minn att jew kumpless ta' atti li jissupponu neċessarjament f'dak li jirrinunzja l-intenzjoni *li jabdika d-dritt tiegħu. Huwa meħtieġ li dawn l-atti* jkunu univoċi, b'mod li ma jistax jingħad li hemm rinunzja meta jkun hemm dubju raġjonevoli dwar l-animu tal-kreditur li jirrinunzja għad-drittijiet tiegħu (Vol. XXVIII — II — 333). Fil-każ in ispeċje ma jirriżultax li l-attur, bil-kliem li uża mal-konvenut qabel ma ffirma dik id-dikjarazzjoni, wera *l-intenzjoni li jirrinunzja għad-danni li sofra fuq* il-persuna tiegħu u fuq il-mutur. U jekk huwa qal xi ħaġa, jidher dubbju x'ried huwa jgħid bil-kliem li uża, b'mod li l-kliem li uża ma kienux univoċi;

Illi huwa rimess lit-tribunali biex jiddeterminaw, f'każijiet simili, in-natura ta' l-att u l-effikaċja tiegħu biex jopera r-rinunzja; u dana wara li jieħdu in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ (Vol. XXVIII — II — 412). U dina l-Qorti, miċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, hija tal-fehma illi l-attur, b'dik id-dikjarazzjoni, u wkoll bil-kliem li qal lill-konvenut qabel ma ffirmaha, ried ifisser biss rinunzja għall-azzjoni kriminali, u mhux ukoll għal dik ċivili għad-danni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tiddifferixxi l-kawża għat-trattazzjoni tagħha għas-seduta tal-20 ta' Frar 1951.